# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 2/2016/LSO**

**Julian Nybondas (K.I. 109089M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Julian Nybondas datat 5 ta' Jannar 2016 fejn espona: -

Illi r-rikorrent huwa cittadin Malti li nhar l-10 ta' Awwissu 2013, izzewweg gewwa Naatali, il-Finlandja, lil martu Linda Nybondas;

Illi jirrizulta illi fil-Finlandja, ragel li jizzewweg, ghandu d-dritt u l-possibilta' illi maz-zwieg jiehu kunjom martu u effettivament ir-rikorrent ipprevalixxa ruhu minn tali dritt;

Illi z-zwieg tal-partijiet gie rregistrat mad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta, inkluz it-tibdil fil-kunjom tar-rikorrent (Dok A) u dan minkejja li l-partijiet effettivament baqghu jghixu gewwa l-Finlandja;

Illi sussegwentement ir-rikorrent u martu kellhom ukoll bint bl-isem Maylee Nybondas, li twieldet nhar it-28 ta' Frar 2015;

Illi jirrizulta illi sussegwentement ir-rikorrent biddel fhemtu u xtaq jirriverti ghal kunjomu, bhala guvni u cioe' Borg u fil-fatt ha l-passi kollha necessarji biex irregola l-pozizzjoni gewwa l-Finlandja. Effettivament nhar it-18 ta' Settembru 2015, ir-Registru Pubbliku tal-Finlandja awtorizzah jirriverti ghal kunjom "Borg" u fil-fatt ghal fini u effetti kollha tal-ligi, gewwa l-Finlandja huwa maghruf bhala Julian Borg (Dok B);

Illi llum, ir-rikorrent rega' stabbilixxa ruhu gewwa l-gzejjer Maltin, anke minhabba l-impjieg tieghu, filwaqt li martu u bintu baqghu jghixu gewwa l-Finlandja u ghal dan il-ghan, huwa u martu anke hadu hsieb jirregolaw il-kura u l-

kustodja tal-minuri Maylee, biex martu ma jkollix diffikulta` fl-assenza tieghu u dan kif juri l-anness dokument immarkat Dok C, li wkoll jindika b'mod car illi kunjom ir-rikorrent ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa "Borg";

Illi mal-wasla tieghu Malta, ir-rikorrent gharraf lir-Registru Pubbliku ta' Malta, bit-tibdil f' kunjomu; madanakollu huwa gie infurmat illi minghajr decizjoni minn Qorti kompetenti, ma setax isir it-tibdil mixtieq minnu u huwa ghalhekk li r-rikorrent ma kellu l-ebda ghazla ohra ghajr li jintavola l-procedura odjerna;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrent huwa "Julian Borg";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti taz-zwieg tar-rikorrent u martu Linda Nybondas, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti taz-zwieg u f' kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u jkun maghruf bhala Julian Borg, kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tar-rikorrent kull fejn jirrizulta u jkun hemm l-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

***28 ta' April 2016.***

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 8 ta' Frar 2016 (fol 25) fejn Dr. Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Direttur bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma:

1 Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jirrileva illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ in kwistjoni, li jġib in-numru ta' iskrizzjoni erba' mija, sitta u għoxrin (426) tas-sena elfejn u erbatax (2014) huwa sempliċiment reġistrazzjoni li jirrifletti d-dettalji ta' żwieġ barrani li kien seħħ fil-Finlandja u li wara kien ġie rreġistrat hawn Malta. *[Kopja oriġinali ta' dan iċ-ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok DRP 1']* Illi tali żwieġ kien ġie reġistrat hawn Malta abbażi tad-dokumenti li r-rikorrent stess kien issottometta lir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, inkluż '*ir-request for registration of marriage form'*, hawn annessa u mmarkata bħala '*Dok DRP 2*', fejn jidher ċar illi r-rikorrent indika li kunjomhu huwa 'Nybondas';

3. Illi b'hekk, bla preġudizzju, l-esponent ma joġġezzjonax għat-talba tar-rikorrent salv però li jiġi

sottomess illi jekk jirriżulta li jeħtieġ illi jsir xi korrezzjoni ta' żball minn fuq l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrent, li jġib in-numru ta' iskrizzjoni erba' mija, sitta u għoxrin (426) tas-sena elfejn u erbatax (2014), dan żgur mhux b'nuqqas tal-esponent, stante li r-Reġistru Pubbliku rreġistra l-Att taż-Żwieġ maħruġ mill-awtorità tal-Finlandja, wara li l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku niżlu *ad verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Att taż-Żwieġ maħruġ mill-awtorita tal-Finlandja li kien ipprovda r-rikorrent stess. Illi għaldaqstant l-esponent m'għandhux jinżamm responsabbli ta' din l-azzjoni odjerna, stante l-fatt li ma sar l-ebda żball li jista jkun attribwit lill-esponent;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi t-tieni talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors in risposta, fil parti fejn jitlob sabiex "*jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet meħtieġa fl-atti taż-żwieġ u **<u>f'kull att ieħor relattiv u susseqwenti</u>***" u kif ukoll it-tielet talba tar-rikorrent fejn jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *"tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tar-rikorrent kull fejn jirriżulta u ikun hemm il-ħtieġa"* ma jreġux u ma jistawx jiġu milqugħa stante li l-**Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tiġi riflessa ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv, japplika biss f'każ illi l-bdil jsir ai termini tal-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Kwindi l-korrezzjonijiet rikjesti mingħand ir-rikorrent għandhom jiġu indikati individwalment abbażi tal-**Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

5. Illi inoltre, bla preġudizzju, fit-talbiet tiegħu r-rikorrent ma talabx sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrent fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv. L-esponent umilment jirrileva illi huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li huwa vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Ċivili a tenur ta' l-**Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Għaldaqstant it-talbiet kif postulati mir-rikorrent ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward għandhom issiru b'mod li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija rikjesta fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrent;

6. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 14 ta' April 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Rodianne Sciberras ghall-attur, u Dr Stephanie Borg u Dr Graziella Attard ghad-Direttur Intimat. Dr Borg iddikjarat li m'ghandhiex provi u irrimettiet ruhha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ April 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-kap 16** tal-ligijiet ta’ Malta saret debitament fis-7 ta’ Jannar 2016, (fol 17), u b’hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi l-kaz odjern hu ghal kwantu insolitu billi r-rikorrent ghazel li jiehu kunjom martu meta izzewgu l-Finlandja u sussegwentement biddel il-fehma u rregistra tibdil fil-kunjom billi irreverta ghall-kunjomu 'Borg', liema decizjoni giet debitament rikonoxxuta u registrata mal-awtoritajiet

Finlandizi izda mhux accettat mill-intimat minghajr ordni ta' din il-Qorti.

Illi r-rikorrent **Julian Nybondas** xehed b'affidavit (fol 23), fejn qal li hu Malti u dejjem ghex hawn Malta sakemm iltaqa' mal-mara tieghu li hija Finlandiza, u hu tela' l-Finlandja u zzewweg hemmhekk. Spjega li hemmhekk, tawh l-ghazla jekk iridx jiehu l-kunjom ta' martu, peress li tezisti dik l-ghazla, skont il-ligijiet t'hemmhekk. Qal li hu fil-fatt, ha kunjom martu, u fit-28 ta' Frar 2015, twieldet it-tifla taghhom, Maylee Nybondas. Izda, qal li wara xi zmien hass li ma kellux jibqa' jzomm kunjom martu, u gol-Finlandja ghamel il-procedura mehtiega biex jerga' lura ghall-kunjom tieghu Borg, procedura li hu ddeskriva bhala semplici. Semma li wara xi zmien iddecieda li jerga' jigi jahdem hawn Malta, u meta gie lura u mar id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, spjegawlu li ma jistax ibiddel kunjomu hlief b'decizjoni tal-Qorti.

Illi r-rikorrent qed jitlob li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att taz-zwieg tieghu ma' martu Linda Nybondas, u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti, sabiex ismu jigi indikat u jkun maghruf bhala Julian Borg.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrent ipprova l-fatti minnu esposti. Ikkonsidrat ukoll li l-intimat, fis-sitt eccezzjoni, irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk, il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrent. Effettivament ir-rikorrent qed jitlob li jigi rikonoxxut bil-

kunjom tieghu li hu 'Borg' u dan jirrifletti wkoll il-Ligi Maltija. Madanakollu ghalkemm l-ghazla tieghu kienet legali barra minn Malta fil-lok fejn sehh iz-zwieg, il-bidla tal-kunjom tieghu kienet daqstant legali f'dak il-lok u sehh in pjena regola skont il-Ligi tal-Finlandja. L-att taz-zwieg tieghu kien rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin u huwa t-tibdil li holoq id-diffikultajiet.

Illi din il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta ghalhekk li tilqa' t-talbiet attrici billi t-talba tieghu hija konformi anke mal-ligi tal-pajjiz fejn irregistra l-ewwel ghazla tieghu.

Rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrent billi ma jirrizultax li sar xi zball da parti tal-intimat. Fil-fatt, ir-rikorrent, tramite l-avukat difensur tieghu, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2016 rrileva li m'hemmx oggezzjoni li l-ispejjez ta' din il-kawza ikunu sopportati mir-rikorrent.

Illi rigward it-tielet talba din il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati tal-intimat anke fl-interess ta' terzi billi kellha ssir talba *ad hoc* ghal kull att relattiv.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent billi:

1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrent huwa "Julian Borg."

2) Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti taz-zwieg tar-rikorrent u martu Linda Nybondas, **DOK A** u dan billi jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tar-rikorrent li ghandu jigi korrett ghall-'Borg' kull fejn jirrizulta u jkun hemm il-htiega.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il- Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**